**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 646/99**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Charles Pace ta' 20 sena, iben Louis**
**u Rita nee Camilleri,**
**mwieled Pieta' nhar it-28 ta' Gunju, 1979,**
**u residenti 17, St John Street, Hamrun,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 312879(M).**

**Illum 6 ta' Novembru, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Charles Pace li gie akkuzat talli fil-Hamrun, nhar is-27 ta' Lulju, 1999, ghall-habta tas-7.30 ta' filghaxija, ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx , inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri Kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar,

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi halef il-falz quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament liema gurament kien mehtieg mil-ligi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-qrati ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li hu kien iddikjara li hu ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi kollha.

Irrizulta mill-provi prodotti u anke minn ammissjoni ta' l-istess imputat, kemm quddiem il-Magistrat Inkwirenti kif ukoll quddiem din il-Qorti, li fil-fatt l-imputat holoq serqa mid-dar tieghu u gguramenta l-fatt ta' dan ir-reat quddiem il-perit legali nominat fl-inkjesta.

Illi in vista wkoll ta' l-ammissjoni ta' l-istess imputat irregistrata fil-verbal tat-22 ta' Novembru, 2000 il-Qorti qeghda ssibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 108(1) u 110(2) tal-Kap 9. Dwar il-piena rat ukoll l-artiklu 17 u 109 (1) tal-Kap 9, rat ukoll il-fedina penali ta' l-imputat, li ghalkemm mhux wahda ghal kollox nadifa, pero' tirrigwarda biss kontravenzjonijiet. Ghaldaqstant anke in vista tal-fatt li l-akkuzat irregistra ammissjoni, rat l-artiklu 9 tal-Kap 152 u qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-llum u dan wara li rat ukoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Kummissarju tal-Pulizija v Doris Borg) datata 20.03.2000.

Il-Qorti spjegat lil Charles Pace is-sinifikat ta' conditional discharge u l-obbligazzjonijiet tieghu taht l-istess.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.